Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►**B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 901/2014**

tat-18 ta' Lulju 2014

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 249, 22.8.2014, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1825 tas-6 ta' Settembru 2016	L 279	47	15.10.2016

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 23, 28.1.2017, p. 122 (2016/1825)

►**C2** Emendi, Ġ.U. L 158, 21.6.2017, p. 51 (901/2014)

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 901/2014

tat-18 ta' Lulju 2014

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jipprovdi għall-miżuri ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni ta' vetturi b'żewġ roti u tliet roti u kwadriċikli, kif ukoll sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ddisinjati u kkostruwiti għal tali vetturi Jistabbilixxi wkoll ir-rekwiżiti amministrattivi għat-tqegħid fis-suq u l-bidu tat-tħaddim ta' partijiet jew tagħmir li jistgħu jkunu ta' riskju serju għall-funzjonament xieraq ta' sistemi essenzjali.

Artikolu 2

Mudelli għad-dokument ta' informazzjoni u għall-folder ta' informazzjoni

Il-manifatturi li japplikaw għal approvazzjoni tat-tip tal-UE għandhom jipprovdu d-dokument ta' informazzjoni u l-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 27(1) u l-Artikolu 27(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 abbażi tal-mudell stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Mudelli għad-dikjarazzjonijiet tal-manifattur dwar l-ittestjar tar-reżistenza u l-integrità tal-istruttura tal-vettura

Il-manifatturi li japplikaw għal approvazzjoni tat-tip tal-UE għandhom jipprovdu dikjarazzjonijiet dwar ir-reżistenza tas-sistema, il-parts u t-tagħmir funzjonali essenzjali għas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 u dwar l-integrità tal-istruttura tal-vettura kif imsemmi fl-Anness XIX tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 3/2014 [1] abbażi tal-mudell stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

[1] Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 3/2014 tal- 24 ta' Ottubru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tas-sikurezza funzjonali tal-vetturi għall-approvazzjoni ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 7, 10.1.2014, p. 1).

▼B

Artikolu 4

Mudelli għaċ-ċertifikati tal-manifattur li jipprovdu evidenza ta' konformità lill-awtorità għall-approvazzjoni tat-tip dwar l-aċċess għad-djanjostika abbord vettura (OBD) u għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi

Il-manifatturi li japplikaw għal approvazzjoni tat-tip tal-UE għandhom jipprovdu lill-awtorità ta' approvazzjoni b'ċertifikat ta' konformità dwar l-aċċess għall-OBD tal-vettura u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni skont l-Artikolu 57(8) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 abbażi tal-mudelli stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Mudelli għaċ-ċertifikati ta' konformità

1. Il-manifatturi għandhom joħorġu ċertifikat ta' konformità msemmi fl-Artikolu 38(1) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 skont il-mudelli stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

2. Skont l-Artikolu 82(2) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 li jippermetti lill-manifaturri sabiex jitolbu approvazzjonijiet tat-tip skont dak ir-Regolament mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2015, il-manifatturi, għal vetturi ta' tipi approvati ġodda bħal dawn, b'mod alternattiv għall-mudell għaċ-Ċertifikat ta' Konformità stabbilit fl-Appendiċi 1 tal-Anness IV, jistgħu jużaw il-mudell għaċ-Ċertifikat ta' Konformità stabbilit fl-Anness IV tad-Direttiva 2002/24/KE li jrid jinkludi fl-entrati tiegħu Nru 04 "Kategorija ta' vettura" u Nru 50 "Kummenti:" l-informazzjoni u l-entrati mniżżlin fl-Appendiċi 2 tal-Anness IV.

Artikolu 6

Mudelli għall-pjanċa statutorja u l-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE

Il-manifatturi għandhom joħorġu l-pjanċa statutorja u l-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE msemmija fl-Artikolu 39(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 skont il-mudelli stabbiliti fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Mudelli taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE

L-awtoritajiet ta' approvazzjoni għandhom joħorġu ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 fuq il-bażi tal-mudelli stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Sistema ta' numerar taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE

F'konformità mal-Artikolu 29(4) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013, iċ-ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE għandhom jiġu nnumerati skont is-sistema armonizzata stabbilita fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 9

Mudell għall-iskeda tar-riżultati tat-testijiet

L-awtoritajiet ta' approvazzjoni għandhom joħorġu l-iskeda tar-riżultati tat-testijiet imsemmija fl-Artikolu 30(3) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 abbażi tal-mudell stabbilit fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Format tar-rapporti tat-testijiet

Il-format tar-rapporti tat-testijiet imsemmija fl-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 għandu jikkonforma mar-rekwiżiti ġenerali stabbiliti fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Lista ta' parts jew tagħmir li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi essenzjali

Il-lista ta' parts jew tagħmir, li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament korrett tas-sistemi li huma essenzjali għas-sigurtà tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha msemmija fl-Artikolu 50(2) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 hija stabbilita fl-Anness X ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 12

Mudell u sistema ta' numerar għaċ-ċertifikat għat-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' parts jew tagħmir li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament korrett ta' sistemi essenzjali

L-awtoritajiet ta' approvazzjoni għandhom joħorġu ċ-ċertifikat għat-tqegħid fis-suq u l-installazzjoni ta' parts jew tagħmir li jista' joħloq riskju serju għall-funzjonament korrett tas-sistemi li huma essenzjali għas-sigurtà tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha msemmija fl-Artikolu 51(2) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 abbażi tal-mudell u skont is-sistema ta' numerazzjoni stabbilita fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

LISTA TA' ANNESSI

Numru tal-Anness	Titolu tal-Anness
I	Mudelli għad-dokument tal-informazzjoni u għall-folder tal-informazzjoni
II	Mudelli għad-dikjarazzjonijiet tal-manifatturi dwar l-ittestjar tar-reżistenza u tal-integrità tal-istruttura tal-vettura
III	Mudelli għaċ-ċertifikati tal-manifattur li jagħtu prova ta' konformità lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip dwar l-aċċess għad-dijanjostika abbord tal-vettura (OBD) u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura
IV	Mudelli għaċ-ċertifikati ta' konformità
V	Mudelli għall-pjanċa statutorja u għall-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE
VI	Mudelli għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE
VII	Sistema ta' numerazzjoni taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE
VIII	Format tar-rapporti tat-testijiet u mudell għall-folja tar-riżultati tat-test
IX	Mudell u sistema ta' numerazzjoni għaċ-ċertifikat għat-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' partijiet jew ta' tagħmir li jista' jkun ta' riskju kbir għall-funzjonament xieraq ta' sistemi essenzjali
X	Lista ta' partijiet jew ta' tagħmir li jista' jkun ta' riskju kbir għall-funzjonament xieraq ta' sistemi essenzjali

▼B

ANNESS I

Mudelli għad-dokument tal-informazzjoni u għall-folder tal-informazzjoni

LISTA TA' APPENDIĊIJIET

Numru tal-Appendiċi	Titolu tal-Appendiċi
1	Mudell ta’ dokument ta’ informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta’ (jew tat-tip ta' vettura fir-rigward ta') sistema li tikkontrolla t-tniġġis mill-iżbokk tal-egżost
2	Mudell ta’ dokument ta’ informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta’ (jew tat-tip ta' vettura fir-rigward ta') sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet tal-kaxxa tal-krank u dawk evaporattivi
3	Mudell ta’ dokument ta’ informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta’ (jew tat-tip ta' vettura fir-rigward ta') sistema ta’ dijanjostika abbord (OBD)
4	Mudell ta’ dokument ta’ informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta’ (jew tat-tip ta' vettura fir-rigward ta') sistema ta’ livell tal-ħoss
5	Mudell ta’ dokument ta’ informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta’ (jew tat-tip ta' vettura fir-rigward ta') sistema ta’ prestazzjoni ta’ unità ta’ propulsjoni
▼M1 5a	Mudell ta' dokument ta' informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' (jew ta' tip ta' vettura fir-rigward ta') sistema ta' torque massimu u ta' potenza netta massima ta' unità tal-propulsjoni
▼B 6	Mudell ta’ dokument ta’ informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta’ apparat ta’ kontroll tat-tniġġis bħala UTS
7	Mudell ta’ dokument ta’ informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta’ apparat li jnaqqas il-ħoss bħala UTS
8	Mudell ta’ dokument ta’ informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta’ egżost (apparat li jikkontrolla t-tniġġis u apparat li jnaqqas il-ħoss) bħala UTS
▼M1 8a	Mudell ta' dokument ta' informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' (jew ta' tip ta' vettura fir-rigward ta') installazzjoni ta' sistema ta' apparati ta' twissija li jinstemgħu
▼B 9	Mudell ta’ dokument ta’ informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta’ (jew tat-tip ta' vettura fir-rigward ta') sistema tal-ibbrejkjar
▼M1 9 a	Mudell ta' dokument ta' informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' (jew ta' tip ta' vettura fir-rigward ta') installazzjoni ta' ħġieġ, ta' wajpers tal-windskrin u ta' sistema ta' apparati tat-tneħħija tal-ġlata u tat-titpin ta' mal-windskrin

▼M1

Numru tal-Appendiċi	Titolu tal-Appendiċi
9b	Mudell ta' dokument ta' informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' (jew ta' tip ta' vettura fir-rigward ta') identifikazzjoni ta' sistema ta' kontrolli, ta' sinjalaturi u ta' indikaturi
▼B 10	Mudell ta' dokument ta' informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' (jew tat-tip ta' vettura fir-rigward ta') l-installazzjoni tad-dwal u tal-apparat għas-sinjalar bid-dawl
11	Mudell ta' dokument ta' informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' (jew tat-tip ta' vettura fir-rigward ta') sistema ta' struttura protettiva għal kontra l-qlib (ROPS)
▼M1 11 a	Mudell ta' dokument ta' informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' (jew ta' tip ta' vettura fir-rigward ta') sistema ta' ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza
11b	Mudell ta' dokument ta' informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' (jew ta' tip ta' vettura fir-rigward ta') sistema tal-kapaċità ta' manuvrar, tal-proprjetajiet tad-dawran mal-kantunieri u tal-kapaċità tad-dawran
▼B 12	Mudell ta' dokument ta' informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' (jew tat-tip ta' vettura fir-rigward ta') l-installazzjoni tat-tajers
13	Mudell ta' dokument ta' informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' apparat ta' twissija permezz tal-ħoss bħala komponent
▼M1 13 a	Mudell ta' dokument ta' informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' (jew ta' tip ta' vettura fir-rigward ta') sistema ta' protezzjoni tal-okkupanti tal-vettura, inklużi l-fittings interni, it-trażżin tar-ras u l-bibien tal-vettura
▼B 14	Mudell ta' dokument ta' informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' windskrin ta' quddiem mhux magħmul mill-ħġieġ bħala komponent/UTS
15	Mudell ta' dokument ta' informazzjoni rigward l-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tagħmir tal-ħasil tal-windskrin bħala komponent/UTS
16	Mudell ta' dokument ta' informazzjoni rigward l-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tagħmir għall-viżibbiltà fuq wara bħala komponent/UTS
17	Mudell ta' dokument ta' informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' ċintorini tas-sikurezza bħala UTS Numru tal-Appendiċi Titolu tal-Appendiċi
18	Paġna Mudell ta' dokument ta' informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' pożizzjoni tas-sit (banketta/sit) bħala komponent /UTS)
19	Mudell ta' dokument ta' informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' apparat għall-iggančjar ma' karru bħala UTS

▼B

Numru tal-Appendiċi	Titolu tal-Appendiċi
20	Mudell ta’ dokument ta’ informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta’ apparat li ma jħallix użu mhux awtorizzat bħala UTS
▼M1 20 a	Mudell ta' dokument ta' informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tank tal-fjuwil bħala STU
▼B 21	Mudell ta’ dokument ta’ informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta’ mqabad għall-idejn tal-passiġġieri bħala UTS
22	Mudell ta’ dokument ta’ informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta’ mserrħiet għas-saqajn bħala UTS
23	Mudell ta’ dokument ta’ informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta’ sidecar bħala UTS
24	Dikjarazzjoni tal-manifattur għall-vetturi li kapaċi jikkonvertu l-livell ta' prestazzjoni tagħhom mis-sottokategorija (L3e/L4e)-A2 għal (L3e/L4e)-A3 u bil-kontra
25	Dikjarazzjoni tal-manifattur dwar il-miżuri ta’ prevenzjoni ta’ tbagħbis fis-sistema ta’ motopropulsjoni (kontra t-tbagħbis)

PARTI A

IL-FOLDER TAL-INFORMAZZJONI

1. **Rekwiżiti ġenerali**

1.1. Meta japplika għal approvazzjoni tat-tip tal-UE għal vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, il-manifattur għandu jipprovdi, skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 168/2013, folder ta’ informazzjoni li għandu jinkludi dan li ġej:

1.1.1. werrej;

1.1.2. l-informazzjoni dwar il-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip magħżula skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013, li l-mudell tagħha huwa stabbilit fil-punt 2 (folja tal-folder ta’ informazzjoni);

1.1.3. id-dokument tal-informazzjoni kif stabbilit fil-Parti B ta’ dan l-Anness;

1.1.4. id-dejta, it-tpinġijiet, ir-ritratti u l-informazzjoni l-oħra kollha rilevanti kif meħtieġ fid-dokument ta’ informazzjoni;

1.1.5. id-dikjarazzjoni tal-manifattur dwar ir-reżistenza ta’ sistemi funzjonali essenzjali għas-sikurezza, partijiet u tagħmir kif imsemmija fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 u stabbilita fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

▼B

1.1.6. id-dikjarazzjoni tal-manifattur dwar l-integrità tal-istruttura tal-vettura kif imsemmija fl-Artikolu 22(5) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 u fil-punt 1.1. tal-Anness XIX tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 3/2014 tal-24 ta' Ottubru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tas-sikurezza funzjonali tal-vetturi għall-approvazzjoni ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli [1], kif stabbilit fil-punt 1.4. tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

1.1.7. iċ-ċertifikat tal-manifattur li jagħti prova tal-konformità mal-awtorità għall-approvazzjoni tat-tip dwar l-aċċess għas-sistemi tad-dijanjostika abbord (OBD) il-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura kif imsemmija fl-Artikolu 57(8) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 u stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament;

1.1.8. id-dikjarazzjoni tal-manifattur dwar tal-konverżjoni tal-karatteristiċi tal-mutur (L3e/L4e)-A2 għal (L3e/L4e)-A3 u l-integrità viċeversa kif imsemmija fl-Artikolu 25(8) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 u fil-punt 4.2.6. tal-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 44/2014 tal-21 ta' Novembru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-vettura u tar-rekwiżiti ġenerali għall-approvazzjoni ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli [2], kif stabbilit fl-Appendiċi 24 ta' dan l-Anness;

1.1.9. id-dikjarazzjoni tal-manifattur dwar il-miżuri ta' prevenzjoni ta' tbagħbis fis-sistema ta' motopropulsjoni (kontra t-tbagħbis) kif imsemmija fl-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 u fil-punti 2.2., 2.6. u 5.2. tal-Anness II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 44/2014 skont il-mudelli stabbiliti fl-Appendiċi 25 ta' dan l-Anness;

1.1.10. kwalunkwe informazzjoni oħra mitluba mill-awtorità ta' approvazzjoni bħala parti mill-proċedura tal-approvazzjoni.

1.2. L-applikazzjonijiet sottomessi fuq karta għandhom ikunu fi tliet kopji. Kwalunkwe tpinġija għandha tkun fuq skala xierqa u dettaljata biżżejjed fuq folji ta' daqs A4 jew f'folder ta' format A4. Ritratti, jekk applikabbli, juru dettall biżżejjed.

1.3. Jekk is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, l-informazzjoni rigward il-prestazzjoni tagħhom għandha tkun ipprovduta.

2. **Mudell tal-folja tal-folder ta' informazzjoni.**

Informazzjoni

dwar il-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip magħżula skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013

Il-folja tal-folder ta' informazzjoni -

Verżjoni ta' din id-dikjarazzjoni mimlija kif suppost għandha tkun inkluża fil-folder tal-Informazzjoni.

Is-sottoskritt: [..... (isem sħiħ u kariga)]

L-isem u l-indirizz tal-kumpanija tal-manifattur: .....

L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk hemm): .....

[1] ĠU L 7, 10.1.2014, p. 1.
[2] ĠU L 25, 28.1.2014, p. 1.

▼B

Hawnhekk japplika għall-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip[4]:

(a) approvazzjoni tat-tip pass pass

(b) approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed

(c) approvazzjoni tat-tip imħallta

Meta jintgħażlu l-proċeduri (a) jew (c), il-konformità mar-rekwiżiti bħal f'(b) tiġi ddikjarata għas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati kollha.

Approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji magħżula skont l-Artikolu 25(5) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013: iva/le[4]

Informazzjoni li għandha timtela dwar il-vettura(vetturi), jekk l-applikazzjoni hija għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-vettura sħiħa[3]:

0.1 Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur): .....

0.2. Tip[17]: .....

0.2.1. Varjant(i)[17]: .....

0.2.2 Verżjoni(jiet)[17]: .....

0.2.3 Isem(ismijiet) kummerċjali (jekk dan/dawn huwa/huma disponibbli): .....

0.3. Kategorija, subkategorija u sub-subkategorija tal-vettura[2]: .....

Informazzjoni li għandha timtela, jekk l-applikazzjoni hija għall-approvazzjoni tat-tip ta' sistema/ komponent/unità teknika separata[3][4]:

0.7. Għamla (għamliet) (isem(ismijiet) kummerċjali tal-manifattur): .....

0.8. Tip: .....

0.8.1. Isem(ismijiet) kummerċjali (jekk dan/dawn huwa/huma disponibbli): .....

1.6. Ittestjar virtwali u/jew awto-ittestjar[3]

1.6.1. Lista ġenerali b'sistemi virtwali u/jew awto-ittestjati, komponenti jew unitajiet tekniċi separati skont il-punt 6 tal-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 44/2014 hawn taħt:

Tabella ġenerali ta' ttestjar virtwali u/jew awto-ittestjar

Att delegat	Anness	Suġġett	Ittestjar virtwali u/jew awto-ittestjar: iva/le[4]
Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 134/2014 (*)	IX	Proċeduri ta' ttestjar fuq il-veloċità massima tal-vettura ddisinjata	Awto-ittestjar iva/le[4]
Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 3/2014	II	L-apparati tat-twissija permezz tal-ħoss	Awto-ittestjar iva/le[4]
Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 3/2014	VIII	Kontrolli mħaddma mis-sewwieq, inklużi l-identifikazzjoni tal-kontrolli, sinjalaturi u indikaturi	Awto-ittestjar iva/le[4]
Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 3/2014	IX	Installazzjoni ta' tagħmir tad-dawl u tas-sinjalazzjoni bid-dawl	Ittestjar virtwali: iva/le[4]
Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 3/2014	X	Viżibilità għall-wara	Ittestjar virtwali iva/le[4]

▼B

Att delegat	Anness	Suġġett	Ittestjar virtwali u/jew awto-ittestjar: iva/le[4]
Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 3/2014	XIV	Installazzjoni ta' tajers	Ittestjar virtwali iva/le[4]
Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 44/2014	XIV	Spazju tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni	Awto u Ittestjar virtwali iva/le[4]
Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 44/2014	XVI	Stands	Awto-ittestjar iva/le[4]
Dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni	VIII	Pjanċi statutorji and EU Marka ta' approvazzjoni tat-tip	Awto-ittestjar iva/le[4]

(*) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 134/2014 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni ambjentali u tal-unità ta' propulsjoni u li jemenda l-Anness V tiegħu (ĠU L 53, 21.2.2014, p. 1).

1.6.2 Rapport dettaljat dwar il-validazzjoni tal-ittestjar virtwali u/jew tal-awto-ittestjar miżjud: iva/le[4]

Il-Post: … Data: …

Firma: … L-isem u l-kariga fil-kumpanija: …

PARTI B

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI

1. **Rekwiżiti ġenerali**

1.1. Id-dokument ta' informazzjoni għandu jkollu numru ta' referenza pprovdut mill-applikant.

1.2. Fejn il-karatteristiċi li jidhru fid-dokument ta' informazzjoni għall-approvazzjoni tal-vetturi jkunu nbidlu, il-manifattur għandu jissottometti l-paġni riveduti lill-awtorità ta' approvazzjoni li fihom juri b'mod ċar in-natura tal-bidla/bidliet u d-data tal-ħruġ mill-ġdid.

1.3. In-numri tal-approvazzjoni tat-tip

1.3.1. Il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa mit-tabella li ġejja fir-rigward tas-suġġetti applikabbli għall-vettura fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 168/2013. L-approvazzjonijiet u r-rapporti tat-testijiet kollha rilevanti (jekk ikunu disponibbli) għal kull suġġett għandhom ikunu inklużi. Madankollu, l-informazzjoni dwar is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati m'għandhiex għalfejn tingħata hawnhekk diment li din l-informazzjoni tingħata fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni korrispondenti.

▼B

In-numru tal-approvazzjoni tat-tip u ħarsa ġenerali tar-rapport tat-test

In-numru tal-oġġett u s-suġġett	In-numru tal-approvazzjoni tat-tip jew in-numru tar-rapport tat-test (***)	Id-data tal-ħruġ tal-approvazzjoni tat-tip jew tal-estensjoni tagħha jew tar-rapport tat-test	L-Istat Membru jew il-parti kontraenti (*) li qiegħda toħroġ l-approvazzjoni tat-tip (**) jew is-servizz tekniku li qed joħroġ ir-rapport tat-test (***)	Ir-referenza għall-att regolatorju u l-aħħar emenda tiegħu	Varjant(i)/ verżjoni(jiet
eż. B1 apparat ta' twissija permezz tal-ħoss					

(*) Partijiet kontraenti għall-Ftehim tal-1958 Rivedut.
(**) Għandu jkun indikat jekk ma jistax jinkiseb min-numru tal-approvazzjoni tat-tip.
(***) L-awtorità ta' approvazzjoni għandha timla r-referenzi għar-rapporti dwar it-testijiet, stabbiliti mill-atti regolatorji, li għalihom ma hemm l-ebda ċertifikat għall-approvazzjoni tat-tip.

Firma: .....

Kariga fil-kumpanija: .....

Data: .....

2. **Kontenut tad-dokument ta' informazzjoni**

Id-dokumenti ta' informazzjoni kollha għandhom jinkludu dan li ġej:

2.1. Għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura sħiħa l-manifattur għandu jimla:

— il-matriċi fil-punt 2.3. sabiex jidentifika l-verżjonijiet u l-varjanti tal-vettura maħsuba għall-approvazzjoni tat-tip;

— lista tal-oġġetti applikabbli għas-(sub-)kategorija u għall-karatteristiċi tekniċi li minnhom ittieħed il-kontenut, filwaqt li jibqa' jżomm is-sistema ta' numerazzjoni tal-lista sħiħa stipulata fil-punt 2.6.

2.2. Għal sistema, komponent jew unità teknika separata kif elenkata fit-tabella 1 il-manifattur għandu jimla l-Appendiċi applikabbli għal dan l-Anness.

Minbarra l-Annessi msemmija fit-tabella 1, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

— l-arranġamenti għall-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip (Anness III tar-Regolament 44/2014)

— il-konformità tal-produzzjoni (CoP) (Anness IV tar-Regolament 44/2014)

— l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni (Anness XV tar-Regolament 44/2014)

▼B

Tabella 1

Listi ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li jistgħu jiġu soġġetti għal approvazzjoni tat-tip tal-UE

LISTA I — Rekwiżiti dwar il-prestazzjoni ambjentali u tal-unità ta' propulsjoni

Appendiċi	Sistema jew komponent/unità teknika separata (UTS)	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 134/2014 Numru tal-Anness	Kif emendat minn u/jew fl-istadju ta' implimentazzjoni
1	Sistema: sistema ta' kontroll tat-tniġġis mill-iżbokk tal-egżost	II, III, V, VI	
2	Sistema: emissjonijiet tal-kaxxa tal-krank u dawk evaporattivi	IV, V	
3	Sistema: dijanjostika ambjentali u funzjonali abbord (OBD)	VIII (u l-Anness XII tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 44/2014)	
4	Sistema: Livell ta' ħoss	IX	
5	Sistema: prestazzjoni tal-unità ta' propulsjoni	X	
▼M1 5a	Sistema: it-torque massimu u l-potenza netta massima ta' unità tal-propulsjoni	X Appendiċi 2	
▼B 6	UTS: apparat ta' kontroll tat-tniġġis	II, III, IV, V, VI	
7	UTS: apparat g]at-tnaqqis tal-ħoss	IX	
8	UTS: apparat tal-egżost (apparat għall-kontroll tat-tniġġis u apparat għat-tnaqqis tal-ħoss)	II, III, V, VI, IX	

LISTA II — Rekwiżiti tas-sikurezza funzjonali tal-vettura

Appendiċi	Sistema jew komponent/unità teknika separata (UTS)	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 3/2014 Numru tal-Anness	Kif emendat minn u/jew fl-istadju ta' implimentazzjoni
▼M1 8a	Sistema: l-installazzjoni ta' apparati ta' twissija li jinstemgħu	II	
▼B 9	Sistema: tal-ibbrejkjar	III	
▼M1 9 a	Sistema: l-installazzjoni ta' ħġieġ, ta' wajpers tal-windskrin u ta' apparati tat-tneħħija tal-ġlata u tat-titpin ta' mal-windskrin	VII	

▼M1

Appendiċi	Sistema jew komponent/unità teknika separata (UTS)	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 3/2014 Numru tal-Anness	Kif emendat minn u/jew fl-istadju ta' implimentazzjoni
9b	Sistema: l-identifikazzjoni ta' kontrolli, ta' sinjalaturi u ta' indikaturi	VIII	
▼B 10	Sistema: installazzjoni ta' dawl u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl	IX	
11	Sistema: Struttura protettiva għal kontra l-qlib (ROPS)	XI	
▼M1 11 a	Sistema: l-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza	XII	
11b	Sistema: il-kapaċità ta' manuvrar, il-proprjetajiet tad-dawran mal-kantunieri u l-kapaċità tad-dawran	XIV	
▼B 12	Sistema: Installazzjoni ta' tajers	XV	
13	Komponent: apparat tat-twissija permezz tal-ħoss	II	
▼M1 13 a	Sistema: il-protezzjoni tal-okkupanti tal-vettura, inklużi l-fittings interni, it-trażżin tar-ras u l-bibien tal-vettura	XVII	
▼B 14	Komponent/UTS: windskrin ta' quddiem mhux magħmul mill-ħġieġ	VII	
15	Komponent/UTS: apparat għall-ħasil tal-windskrin	VII	
16	Komponent/UTS: apparat għall-viżibilità għall-wara	X	
17	UTS: ċintorini tas-sikurezza	XII	
18	Komponent/UTS: pożizzjoni tas-sit (sedil/sit)	XIII	

LISTA III — Rekwiżiti għall-bini tal-vettura u rekwiżiti ġenerali għall-approvazzjoni tat-tip

Appendiċi	Sistema jew komponent/unità teknika separata (UTS)	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 44/2014 Numru tal-Anness	Kif emendat minn u/jew fl-istadju ta' implimentazzjoni
19	UTS: apparat għall-iggankċjar ma' karru	V	
20	UTS: tagħmir li ma jħallix użu mhux awtorizzat	VI	
▼M1 20a	STU: it-tank tal-fjuwil	IX	
▼B 21	UTS: mqabad għall-idejn tal-passiġġieri	XIII	

▼B

Appendiċi	Sistema jew komponent/unità teknika separata (UTS)	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 44/2014 Numru tal-Anness	Kif emendat minn u/jew fl-istadju ta' implimentazzjoni
22	UTS: mserrħiet għas-saqajn	XIII	
23	UTS: sidecar	VIII, XI, XIII; (u l-Annessi III, V, VII, IX, X, XII, XIII, XIV, XV, XVII u XIX tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 3/2014)	

2.3. Matriċi li turi l-kombinazzjonijiet tal-entrati elenkati fil-punt 2.6. fil-verżjonijiet u l-varjanti tat-tip ta' vettura

Matriċi tal-varjanti u tal-verżjoni

Nru tal-Oġġett	Kollha	Verżjoni 1	Verżjoni 2	Verżjoni 3	Verżjoni n

2.3.1. Għandha tiġi kkompilata matriċi separata għal kull varjant fi ħdan kull tip.

2.3.2. Entrati bl-ebda restrizzjoni fuq il-kombinazzjoni tagħhom f'varjant għandhom ikunu elenkati fil-kolonna intitolata "Kollha".

2.3.3. L-informazzjoni ta' hawn fuq tista' tkun ippreżentata f'format alternattiv jew miżjuda mal-informazzjoni pprovduta taħt il-punt 2.6.

2.4 Ismijiet tat-tip, varjant u verżjoni

2.4.1. Il-manifattur għandu jalloka kodiċi alfanumeriku għal kull tip ta' vettura, varjant u verżjoni, magħmul minn ittri Rumani u/jew numri Għarab, li għandhom ikunu indikati wkoll fiċ-ċertifikat ta' konformità (ara l-Anness IV) tal-vettura kkonċernata.

L-użu ta' parentesi u sinkijiet hu permess sakemm ma jiħdux post ittra jew numru.

2.4.2. Il-kodiċi sħiħ għandu jkun indikat: Tip-Varjant-Verżjoni jew "TVV".

2.4.3. It-TVV għandu b'mod ċar u b'mod mhux ekwivoku jidentifika kombinazzjoni unika ta' karatteristiċi tekniċi b'rabta mal-kriterji definiti fil-Parti B ta' dan l-Anness.

2.4.4. L-istess fabbrikant għandu juża l-istess kodiċi biex jiddefinixxi tip ta' vettura meta din tkun taqa' taħt żewġ kategoriji jew iżjed.

2.4.5. L-istess fabbrikant ma għandux juża l-istess kodiċi biex jiddefinixxi tip ta' vettura għal iżjed minn approvazzjoni waħda tat-tip fi ħdan l-istess kategorija tal-vettura.

2.4.6. Numru ta' karattri għat-TVV

2.4.6.1. In-numru ta' karattri ma għandux jaqbeż:

(a) 15 għall-kodiċi tat-tip ta' vettura;

(b) 25 għall-kodiċi ta' varjant wieħed;

(c) 35 għall-kodiċi ta' verżjoni waħda.

▼B

2.4.6.2. It-"TVV" alfanumeriku sħiħ m'għandux ikollu aktar minn 75 karattru.

2.4.6.3. Meta t-TVV jintuża b'mod sħiħ, għandu jitħalla spazju bejn it-tip, il-varjant u l-verżjoni.

Eżempju ta' TVV bħal dan: 159AF[… spazju]0054[… spazju]977K(BE).

2.5. Għal dawk is-suġġetti msemmija fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 li l-approvazzjonijiet tagħhom ingħataw skont ir-regolamenti tan-NU/KEE msemmija fl-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 168/2013 (approvazzjonijiet tan-NU/KEE), il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa fil-punt 2.7. biss jekk ma tkunx diġà ngħatat fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni korrispondenti u/jew fir-rapport tat-test. Madankollu, l-informazzjoni msemmija fiċ-ċertifikat ta' konformità (Anness IV) għandha tingħata fi kwalunkwe każ.

2.6. Il-manifattur għandu jimla n-numri tal-oġġetti applikabbli tal-mudell stabbilit fil-punt 2.8. u jissottometti din il-lista mimlija lill-awtorità ta' approvazzjoni li tagħti l-approvazzjoni tat-tip, maqsuma f'żewġ dokumenti separati. L-oġġetti applikabbli mmarkati b' * għandhom jibqgħu għand l-awtorità ta' approvazzjoni li tagħti l-approvazzjoni tat-tip u l-oġġetti l-oħra kollha applikabbli għandhom jagħmlu parti mill-folder tal-informazzjoni. Il-Kolonna "(Sub)kategoriji" tindika għal liema subkategoriji tapplika kull entrata (eż. "L1e - L7e" tfisser li l-entrata tapplika għall-kategoriji u s-subkategoriji kollha).

2.7. It-tip ta' entrati ta' dejta li ġejjin jistgħu jitħallew barra mid-dokument ta' informazzjoni bil-kundizzjoni li tpinġija teknika xierqa bħala dokument fuq karta jew inkella bħala fajl pdf tiġi pprovduta fil-folder ta' informazzjoni u fuqha jintwerew b'mod ċar u li jinqara tajjeb dawn l-oġġetti elenkati:

2.7.1. L-għamla (bl-eżenzjoni tal-Entrata Nru 0.1);

2.7.2. Tip (bl-eżenzjoni tal-Entrata Nru 0.2);

2.7.3. Il-post / fejn;

2.7.4. Il-prinċipju ta' tħaddim (bl-eżenzjoni tal-Entrata Nru 3.2.1.2);

2.7.5. Karatteristiċi:

2.7.6. Numru ta' (bl-eżenzjoni tal-Entrati Nru 1.3.,, 3.2.1.1. u 6.16.1.);

2.7.7. Identifikazzjoni / numru tal-parti;

2.7.8. Deskrizzjoni (qasira) / (teknika);

2.7.9. Disinn;

2.7.10. Tpinġija / dijagramma skematika;

2.7.11. Materjal (ta' kostruzzjoni) użat;

2.7.12. Angoli / inklinazzjoni u qisien oħrajn (għoli, tul, wisgħa, distanza) (bl-eżenzjoni tal-Entrati Nru 2.2.1., 2.2.2., 2.2.3., 2.2.17., 7.6.1. u 7.6.2.);

2.7.13. Tolleranza;

▼B

2.7.14. Marka ta' referenza;

2.7.15. Id-daqs (bl-eżenzjoni tal-punt 6.18.1.1.1., 6.18.1.1.2. u 6.18.1.1.3.);

2.7.16. Konfigurazzjoni.

2.8. **ENTRATI TA' DEJTA FID-DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI**

Nru tal-Oġġett	(Sotto)kategoriji	Informazzjoni dettaljata
0.		**INFORMAZZJONI ĠENERALI**
A.		**Informazzjoni ġenerali dwar il-vetturi**
0.1.	**L1e — L7e**	**Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur)**: .....
0.2.	**L1e — L7e**	**Tip**[17]: .....
0.2.1	L1e — L7e	Varjant(i)[17]: .....
0.2.2	L1e — L7e	Verżjoni(jiet)[17]: .....
0.2.3.	L1e — L7e	Isem(ismijiet) kummerċjali (jekk dan/dawn huwa/huma disponibbli): .....
0.3.	**L1e — L7e**	**Kategorija, subkategorija u sub-subkategorija tal-vettura**[2]: .....
0.4.	**L1e — L7e**	**Isem u indirizz tal-kumpanija tal-manifattur**: .....
0.4.1.	L1e — L7e	L-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) tal-impjanti tal-assemblaġġ: .....
0.4.2.	L1e — L7e	Isem u indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur, jekk hemm: .....
0.5.	**L1e — L7e**	**Il-pjanċa/i statutorja/i tal-manifattur**: .....
0.5.1.	L1e — L7e	Post tal-pjanċa statutorja tal-manifattur[15][18]: .....
0.5.2.	L1e — L7e	Metodu tat-twaħħil: .....
0.5.3.	L1e — L7e	Ritratti u/jew tpinġijiet tal-pjanċa statutorja (eżempju komplut bil-qisien):
0.6.	**L1e — L7e**	**Post tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura**[15]: .....
0.6.1.	L1e — L7e	Ritratti u/jew tpinġijiet tal-postijiet tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (eżempju komplut bil-qisien): .....
0.6.1.1.	L1e — L7e	In-numru tas-serje tat-tip jibda bi: .....
B.		**Informazzjoni ġenerali dwar is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati units**
0.7.	L1e — L7e	**Għamla (għamliet) (isem(ismijiet) kummerċjali tal-manifattur)**: .....
0.8.	**L1e — L7e**	**Tip**: .....
0.8.1.	L1e — L7e	Isem(ismijiet) kummerċjali (jekk dan/dawn huwa/huma disponibbli): .....
0.8.2.	L1e — L7e	In-numru(i) tal-approvazzjoni tat-tip (jekk disponibbli): .....
0.8.3.	L1e — L7e	Approvazzjoni(jiet) tat-tip maħruġa fi (data, jekk disponibbli): .....
0.9.	L1e — L7e	**Isem u indirizz tal-kumpanija tal-manifattur**: .....
0.9.1.	L1e — L7e	L-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) tal-impjanti tal-immuntar: .....

▼B

Nru tal-Oġġett	(Sotto)kategoriji	Informazzjoni dettaljata
0.9.2.	L1e — L7e	Isem u indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur, jekk hemm: .....
0.10.		**Il-vettura/i li għaliha/hom l-unità teknika separata hija maħsuba(21)**: .....
0.10.1.	L1e — L7e	Tip(17): .....
0.10.2.	L1e — L7e	Varjant(17): .....
0.10.3.	L1e — L7e	Verżjoni(17): .....
0.10.4.	L1e — L7e	Isem(ismijiet) kummerċjali (jekk dan/dawn huwa/huma disponibbli): .....
0.10.5.	L1e — L7e	Kategorija, subkategorija u sub-subkategorija tal-vettura(2): .....
0.11.	L1e — L7e	**Marki ta' approvazzjoni tat-tip għall-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati(19)**: .....
0.11.1.	L1e — L7e	Metodu tat-twaħħil: .....
0.11.2.	L1e — L7e	Ritratti u/jew disinni tal-pożizzjoni tal-marka ta' approvazzjoni tat-tip (eżempju sħiħ bil-qisien): .....
C.		**Informazzjoni ġenerali dwar il-konformità tal-produzzjoni u l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni**
0.12.		**Konformità tal-produzzjoni**
0.12.1.	L1e — L7e	Deskrizzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni tal-assigurazzjoni ġenerali tal-kwalità.
0.13.		**Aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni**
0.13.1.	L1e — L7e	Indirizz ta' websajt ewlenija għal aċċess għal tagħrif ta' tiswija u żamma tal-vettura: .....
0.13.2.	L1e — L7e	Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi fażijiet, l-indirizz ta' websajt ewlenija għal aċċess għal tagħrif ta' tiswija u żamma tal-vettura mingħand il-manifattur(i) fil-fażi(jiet) preċedenti:
1.		**KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI**
1.1.	L1e — L7e	Ritratti u/jew tpinġijiet ta' vettura rappreżentattiva: .....
1.2.	L1e — L7e	Tpinġija fuq skala tal-vettura sħiħa: .....
1.3.	L1e — L7e	Numru ta' fusien u roti: .....
1.3.1.	L1e — L7e	Fusien b'roti doppji(23): .....
1.3.2.	L1e — L7e	Fusien motorizzati(23): .....
1.4.	L1e — L7e	Xażi (jekk hemm) (illustrazzjoni globali): .....
1.5.	L2e, L5e-B, L6e-B, L7e-A2, L7e-B2, L7e-C	Materjal użat għall-karrozzerija:
1.6.	L1e — L7e	Pożizzjoni u arranġament tal-propulsjoni(jiet): .....

▼B

Nru tal-Oġġett	(Sotto)kategoriji	Informazzjoni dettaljata
1.7.	L4e, L5e-B, L6e-B, L7e-A2, L7e-B2, L7e-C	Naħa tas-sewqan: xellug/lemin/fin-nofs[4]: .....
1.7.1.	L1e — L7e	Il-vettura hija mgħammra biex tinstaq fit-traffiku fuq in-naħa tal-lemin/tax-xellug tat-triq u f'pajjiżi li jużaw unitajiet metriċi/metriċi u imperjali.[4]:
1.8.		**Prestazzjoni tal-unità ta' propulsjoni**
1.8.1.	L3e, L4e, L5e, L7e-A, L7e-B2	Veloċità massima tal-vettura ddikjarata: ..... km/h
1.8.2.	L1e, L2e, L6e, L7e-B1, L7e-C	Veloċità massima tal-vettura ddisinjata [22]: ..... km/h u ger li fih tintlaħaq: .....
1.8.3.	L1e — L7e	Il-potenza netta massima tal-magna ta' kombustjoni: ..... kW fi ..... min^{-1} fil-proporzjon A/F: .....
1.8.4.	L1e — L7e	It-torque nett massimu tal-magna ta' kombustjoni: ..... Nm fi ..... min^{-1} fil-proporzjon A/F: .....
1.8.5.	L1e — L7e	Potenza massima tal-mutur elettriku b'rata kontinwa ta' (15/30[4] minuta[27]): ..... kW f' ..... min^{-1}
1.8.6.	L1e — L7e	Torque massimu b'rata kontinwa tal-mutur elettriku: ..... Nm f' ..... min^{-1}
1.8.7.	L1e — L7e	Potenza totali kontinwa massima għall-propulsjoni(jiet): ..... kW f' ..... min^{-1} fil-proporzjon A/F: .....
1.8.8.	L1e — L7e	Torque total massimu kontinwu għall-propulsjoni(jiet): ..... Nm fi ..... min^{-1} fil-proporzjon A/F: .....
1.8.9.	L1e — L7e	L-ogħla potenza massima għall-propulsjoni(jiet): ..... kW fi ..... min^{-1} fil-proporzjon A/F: .....
2.		**MASES U DIMENSJONIJIET** (f'kg u mm.) irreferi għad-disinni fejn ikun applikabbli
2.1		**Medda tal-massa tal-vettura (globali)**
2.1.1.	L1e — L7e	Il-massa fi stat operattiv: ..... kg
2.1.1.1.	L1e — L7e	Distribuzzjoni tal-massa fi stat operattiv bejn il-fusien: ..... kg
2.1.2.	L1e — L7e	Massa attwali: ..... kg
2.1.2.1.	L1e — L7e	Distribuzzjoni tal-massa attwali bejn il-fusien: ..... kg
2.1.3.	L1e — L7e	Massa massima mgħobbija teknikament permissibbli: ..... kg
2.1.3.1.	L1e — L7e	Massa massima teknikament permessa fuq il-fus ta' quddiem: ..... kg
2.1.3.2.	L1e — L7e	Massa massima teknikament permessa fuq il-fus ta' wara: ..... kg
2.1.3.3.	L4e	Massa massima teknikament permessa fuq il-fus tas-sidecar: ..... kg
2.1.4.	L1e — L7e	Kapaċità massima ta' qligħ fit-telgħa fil-massa massima teknikament permessa ddikjarata mill-manifattur: ..... % ta' pendil
2.1.5.	L1e — L7e	Massa massima ta' ħlas iddikjarata mill-manifattur: ..... kg
2.1.6.	L1e — L7e	Kapaċità sigura tal-ġarr tat-tagħbija tal-pjattaforma ta' tagħbija ddikjarata mill-manifattur: ..... kg
2.1.7.	L1e — L7e	Il-massa massima tal-irmunkar teknikament permissibbli fil-każ ta [4]: Bil-brejkijiet: ..... kg Mingħajr brejkijiet: ..... kg

▼B

Nru tal-Oġġett	(Sotto)kategoriji	Informazzjoni dettaljata
2.1.7.1	L1e — L7e	Massa mgħobbija massima teknikament permissibbli tal-kombinazzjoni: ..... kg
2.1.7.2.	L1e — L7e	Massa massima teknikament permessa fil-punt tal-iggančjar ta' karru: ..... kg
2.1.8.	L1e — L7e	Massa tat-tagħmir fakultattiv: ..... kg
2.1.9.	L1e — L7e	Massa tas-superstruttura: ..... kg
2.1.10.	L1e — L7e	Massa tal-batterija ta' propulsjoni: ..... kg
2.1.11.	L2e, L4e, L5e, L6e, L7e	Massa tal-bibien: ..... kg
2.1.12.	L2e-U, L5e-B, L6e-BU, L7e-CU	Massa tal-magni jew tat-tagħmir installat fuq iż-żona tal-pjattaforma tat-tagħbija: ..... kg
2.1.13.	L1e — L7e	Massa tas-sistema ta' fjuwil gassuż kif ukoll tankijiet tal-ħażna għall-fjuwil gassuż: ..... kg
2.1.14.	L1e — L7e	Massa tat-tankijiet għall-ħażna ta' arja kkompressata: ..... kg
2.2.		**Firxa tad-dimensjonijiet tal-vettura (globali)**
2.2.1.	L1e — L7e	Tul: ..... mm
2.2.2.	L1e — L7e	Wisgħa: ..... mm
2.2.3.	L1e — L7e	Għoli: ..... mm
2.2.4.	L1e — L7e	Bażi tar-roti: ..... mm
2.2.4.1.	L4e	Bażi tar-roti tas-sidecar[28]: ..... mm
2.2.5.		Wisgħa tas-sarbut
2.2.5.1.	L1e — L7e jekk mgħammar b'roti doppji L2e, L4e, L5e, L6e, L7e	Wisgħa tas-sarbut ta' quddiem: ..... mm.
2.2.5.2.	L1e — L7e jekk mgħammar b'roti doppji	Wisgħa tas-sarbut ta' wara: ..... mm.
2.2.5.3.	L2e, L4e, L5e, L6e, L7e	Wisgħa tas-sarbut bis-side car: ..... mm.
2.2.6.	L7e-B	Sporġenza ta' quddiem: ..... mm.
2.2.7.	L7e-B	Sporġenza ta' wara: ..... mm.
2.2.8.		Daqsijiet tal-pjattaforma tat-tagħbija
2.2.8.1.	L2e-U, L5e-B, L6e-BU, L7e-B2, L7e-CU	Tul tal-pjattaforma tat-tagħbija: ..... mm.
2.2.8.2.	L2e-U, L5e-B, L6e-BU, L7e-B2, L7e-CU	Wisgħa tal-pjattaforma tat-tagħbija: .....
2.2.8.3.	L2e-U, L5e-B, L6e-BU, L7e-B2, L7e-CU	Tul tal-pjattaforma tat-tagħbija: ..... mm

▼B

Nru tal-Oġġett	(Sotto)kategoriji	Informazzjoni dettaljata
2.2.9.		Ċentru tal-gravità
2.2.9.1.	L2e-U, L5e-B, L6e-BU, L7e-B2, L7e-CU	Post taċ-ċentru tal-gravità ’l quddiem mil-Lcg tal-fus ta’ wara: ..... mm.
2.2.9.2.	L2e-U, L5e-B, L6e-BU, L7e-B2, L7e-CU	Post taċ-ċentru tal-gravità ’l fuq mill-Hcg tal-pjan tal-art: ..... mm.
2.2.9.3.	L2e-U, L5e-B, L6e-BU, L7e-B2, L7e-CU	Post taċ-ċentru tal-gravità tal-pjattaforma mgħobbija ’l quddiem mil-LcgLP tal-fus ta’ wara: ..... mm.
2.2.10.		Daqsijiet mixxelanji
2.2.10.1.	L7e-B2	Angolu tal-avviċinament[11]: ..... grad.
2.2.10.2.	L7e-B2	Angolu tat-tluq[11]: ..... grad.
2.2.10.3.	L7e-B2	Angolu tar-rampa[11]: ..... grad.
2.2.10.4.	L7e-B2	Qtugħ mill-art taħt il-fus ta’ quddiem[11]: ..... mm.
2.2.10.5.	L7e-B2	Qtugħ mill-art taħt il-fus ta’ wara[11]: ..... mm.
2.2.10.6.	L3e-AxE (x=1, 2 jew 3), L3e-AxT (x=1, 2 jew 3) L7e-B	Qtugħ mill-art bejn il-fusien[11]: ..... mm.
2.2.10.7.	L7e-B	Proporzjon bejn il-bażi tar-roti u l-għoli mill-art. ..... [l-ebda unità]
2.2.10.8.	L7e-B2	Koeffiċjent tal-istabbilità statika — Kst: ..... [l-ebda unità]
2.2.10.9.	L3e-AxE, L3e-AxT	Għoli tas-sit: ..... mm
2.2.10.10.	L3e-AxE, L3e-AxT	Qtugħ mill-art: ..... mm
3.		**KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAS-SISTEMA TAL-MOTOPROPULSJONI**
3.1		**Il-manifattur tal-unità ta’ propulsjoni**
3.1.1.		*Magna bil-kombustjoni*
3.1.1.1.	L1e — L7e	Il-manifattur: .....
3.1.1.2.	L1e — L7e	Il-kodiċi tal-magna (kif immarkat fuq il-magna jew mezzi oħrajn ta’ identifikazzjoni): .....
3.1.1.3.	L1e — L7e	Immarkar tal-identifikazzjoni tal-fjuwil (jekk ikun disponibbli): .....
3.1.2.		*Mutur elettriku*
3.1.2.1.	L1e — L7e	Il-manifattur: .....
3.1.2.2.	L1e — L7e	Il-kodiċi mutur elettriku (kif immarkat fuq il-magna jew mezzi oħrajn ta’ identifikazzjoni): .....
3.1.3.		*Applikazzjoni ibrida*
3.1.3.1.	L1e — L7e	Il-manifattur: .....
3.1.3.2.	L1e — L7e	Il-kodiċi tal-applikazzjoni (kif immarkat fuq il-magna jew mezzi oħrajn ta’ identifikazzjoni): .....

▼B

Nru tal-Oġġett	(Sotto)kategoriji	Informazzjoni dettaljata
3.1.3.3.	L1e — L7e	Immarkar tal-identifikazzjoni tal-fjuwil (jekk ikun disponibbli): .....
3.1.3.4.	L1e — L7e	Ritratti u/jew tpinġijiet tal-pożizzjoni tal-kodiċi(jiet) u/jew tan-numri tal-approvazzjoni tat-tip (eżempju komplut bil-qisien)[20]: .....
3.2.		**Magna bil-kombustjoni**
3.2.1.		*Informazzjoni speċifika dwar il-magna*
3.2.1.1.	L1e — L7e	Numru ta' magni bil-kombustjoni: .....
3.2.1.2.	L1e — L7e	Prinċipju ta' tħaddim: magna bil-kombustjoni interna (ICE)/tqabbid bl-ispark/tqabbid bil-kompressjoni /magna bil-kombustjoni esterna (ECE)/ turbina/arja kkompressata[4]: .....
3.2.1.3.	L1e — L7e	Ċiklu: four-stroke/two-stroke/bir-rotors/oħrajn[4]: .....
3.2.1.4.	L1e — L7e	Ċilindri
3.2.1.4.1.	L1e — L7e	Numru: .....
3.2.1.4.2.	L1e — L7e	Arranġament[26]: .....
3.2.1.4.3.	L1e — L7e	Bor[12]: ..... mm
3.2.1.4.4.	L1e — L7e	Strowk[12]: ..... mm
3.2.1.4.5.	L1e — L7e	Numru u konfigurazzjoni tal-partijiet stazzjonarji fil-każ ta' magna bil-pistuni rotanti: .....
3.2.1.4.6.	L1e — L7e	Volum ta' kompartimenti tal-kombustjoni fil-każ ta' magna bil-pistuni rotanti: ..... cm^3
3.2.1.4.7.	L1e — L7e	L-ordni tal-'firing': .....
3.2.1.5.	L1e — L7e	Kapaċità tal-magna[6]: ..... cm^3
3.2.1.6.	L1e — L7e	Proporzjon ta' kompressjoni volumetrika[7]: .....
3.2.1.7.	L1e — L7e	Numru ta' valvi tad-dħul u tal-egżost
* 3.2.1.7.1.	L1e — L7e	Numru u żoni trażversali minimi ta' bokok ta' dħul u tal-ħruġ: .....
* 3.2.1.7.2.	L1e — L7e	It-twaqqit tal-valvola jew dejta ekwivalenti: .....
* 3.2.1.7.3.	L1e — L7e	L-għoli massimu tal-valvi, l-angoli tal-ftuħ u ta' l-għeluq, jew id-dettalji tal-ħin ta' sistemi ta' distribuzzjoni alternattivi, f'relazzjoni għal ċentri mejta. Għal sistema ta' timing varjabbli, timing minimu u massimu: .....
* 3.2.1.7.4.	L1e — L7e	Meded ta' referenza u/jew ta' ssettjar[4]: .....
3.2.1.8.	L1e — L7e	Tpinġijiet tal-kompartiment tal-kombustjoni, tar-ras taċ-ċilindru, tal-pistun, u tas-segmenti tal-pistun: .....
3.2.1.9.	L1e — L7e	Il-veloċità normali tal-magna sħuna mhux ingranata: ..... min^{-1}
3.2.1.10.	L1e — L7e	Sistema stop-start: iva/le[4]
* 3.2.2.		*Sistema ta' ġestjoni tal-motopropulsjoni/propulsjoni/ mototrażmissjoni*
3.2.2.1.	L1e — L7e	Numru/i tal-identifikazzjoni tas-softwer tal-PCUs/ECUs[4]: ..... u n-numru/i tal-verifika tal-kalibrazzjoni: .....

▼B

Nru tal-Oġġett	(Sotto)kategoriji	Informazzjoni dettaljata
3.2.3.		*Fjuwil*
3.2.3.1.	L1e — L7e	Tip ta' fjuwil: [9]
3.2.3.2.	L1e — L7e	Konfigurazzjoni tal-fjuwil tal-vettura: fjuwil wieħed/ żewġ fjuwils/fjuwils flessibbli [4]
3.2.3.2.1.	L1e — L7e	Ammont massimu ta' bijofjuwil aċċettabbli fil-fjuwil: ..... % skont il-volum
3.2.4.		*Provvista u kontroll tal-pressjoni tal-fjuwil*
3.2.4.1.	L1e — L7e	Deskrizzjoni qasira u tpinġija skematika ta' sistema/i likwidi ta' provvista ta' fjuwil bi pressjoni baxxa u/jew għolja[4]: .....
3.2.4.2.	L1e — L7e	Pompa/i tal-fjuwil bi pressjoni baxxa u/jew għolja: iva/le[4]
3.2.4.2.1.	L1e — L7e	Kontroll tal-pompa tal-fjuwil: elettriku mekkaniku/mixgħul/mitfi, tħaddim kontinwu/tħaddim varjabbli kkontrollat b'mod elettroniku[4]: .....
3.2.4.2.2.	L1e — L7e	Għal magni b'kombustjoni CI u magni bifjuwil il-provvista ta' fjuwil biss [4][7]: ..... g/s jew mm^3/strowk jew ċiklu f'veloċità tal-magna ta': ..... min^{-1} jew, inkella, dijagramma tal-karatteristiċi: ..... (Jekk il-vettura jkollha kontroll ta' spinta, agħti t-twassil karatteristiku tal-fjuwil u l-pressjoni ta' spinta meta mqabbla mal-veloċità tal-magna)
3.2.4.3.	L1e — L7e	Common rail: iva/le[4]
3.2.4.4.	L1e — L7e	Distributur/rail/pajpijiet tal-fjuwil[4]: iva/le[4]
3.2.4.5.	L1e — L7e	Regolatur(i) tal-pressjoni tal-fjuwil u/jew tal-fluss tal-fjuwil: iva/le[4]
3.2.5.		*Kejl u kontroll tal-massa tal-fjuwil*
3.2.5.1.	L1e — L7e	Permezz tal-karburatur(i): iva/le[4]
* 3.2.5.1.1.	L1e — L7e	Prinċipju ta' tħaddim u kostruzzjoni: .....
* 3.2.5.1.2.	L1e — L7e	Rata massima tal-fluss tal-fjuwil: ..... g/s fil-potenza u f'torque massimi: .....
3.2.5.1.3.	L1e — L7e	Settings tal-karburatur(i)[7]: .....
* 3.2.5.1.4.	L1e — L7e	Diffużuri tal-karburatur: .....
* 3.2.5.1.5.	L1e — L7e	Livell tal-fjuwil tal-karburatur fil-kompartiment tal-galleġġjant: .....
* 3.2.5.1.5.1.	L1e — L7e	Massa tal-karburatur tal-galleġġjant: .....
3.2.5.1.6.	L1e — L7e	Sistema tal-karburatur għall-istartjar tal-magna meta tkun għadha kiesħa[4]: iva/le[4]
3.2.5.1.6.1.	L1e — L7e	Prinċipju/i tat-tħaddim tas-sistema tal-karburatur għall-istartjar tal-magna meta tkun għadha kiesħa: .....
3.2.5.1.7.	L1e — L7e	Bokka tal-kompartiment tal-kombustjoni tat-taħlita: iva/le[4]
3.2.5.1.7.1.	L1e — L7e	Il-qisien tal-bokka tal-kompartiment tal-kombustjoni tat-taħlita: .....
3.2.5.2.	L1e — L7e	Permezz ta' injezzjoni tal-fjuwil ikkontrollata b'mod mekkaniku/idrawliku[4]: iva/le[4]
3.2.5.2.1.	L1e — L7e	Prinċipju ta' tħaddim: .....
3.2.5.2.2.	L1e — L7e	Aġġustament mekkaniku/elettroniku[4] tal-provvista tal-massa tal-fjuwil: iva/le[4]
3.2.5.3.	L1e — L7e	Permezz ta' sistema ta' injezzjoni tal-fjuwil ikkontrollata b'mod elettroniku: iva/le[4]
3.2.5.3.1.	L1e — L7e	Prinċipju ta' tħaddim: injezzjoni mill-bokka/injezzjoni diretta/pre-chamber/swirl chamber[4]: .....
3.2.5.3.2.	L1e — L7e	Injettatur(i) tal-fjuwil: singolu/b'diversi bnadi/injezzjoni diretta/oħrajn (speċifika) [4]: .....

▼B

Nru tal-Oġġett	(Sotto)kategoriji	Informazzjoni dettaljata
3.2.5.3.3.	L1e — L7e	Ammont totali u għal kull ċilindru ta' injettaturi tal-fjuwil: .....
3.2.5.4.	L1e — L7e	Injettatur tal-fjuwil assistit bl-arja: iva/le[4] .....
3.2.5.4.1.	L1e — L7e	Deskrizzjoni u pressjoni ta' tħaddim tal-assistenza bl-arja: .....
3.2.5.5.	L1e — L7e	Sistema ta' startjar tal-magna kiesħa: iva/le[4]
3.2.5.5.1.	L1e — L7e	Deskrizzjoni tas-sistema ta' startjar tal-magna kiesħa: .....
3.2.5.6.	L1e — L7e	Għajnuna awżiljarja għall-istartjar: iva/le[4]
3.2.5.7.	L1e — L7e	Injezzjoni CI speċifika: iva/le
3.2.5.7.1.	L1e — L7e	Ħin tal-injezzjoni statika[7]: .....
3.2.5.7.2.	L1e — L7e	Kurva tal-avvanz tal-injezzjoni[7]: .....
3.2.6.		*Sistema u kontroll tal-provvista ta' fjuwil gassuż*
3.2.6.1.	L1e — L7e	Deskrizzjoni qasira u tpinġija skematika tas-sistema/i ta' provvista ta' fjuwil gassuż: .....
3.2.6.2.	L1e — L7e	Sistema ta' provvista ta' fjuwil ta' gass likwidu (LPG): iva/le[4]
3.2.6.2.1.	L1e — L7e	Numru tal-approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament Nru 67 ([1]) tan-NU/KEE: .....
3.2.6.2.2.	L1e — L7e	Unità ta' kontroll ta' ġestjoni tal-magna elettronika għall-provvista ta' LPG: iva/le[4]
3.2.6.2.2.1.	L1e — L7e	Possibilitajiet ta' aġġustament relatat mal-emissjonijiet: .....
3.2.6.2.3.	L1e — L7e	Aktar dokumentazzjoni: .....
